MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 396/2012/2

**Direttur tad-Dipartiment għal *Standards***

**fil-Ħarsien Soċjali**

***versus***

**Lara Maria Merlevede *née* Borg St John**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mid-Direttur tad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsian Soċjali ["id-Direttur"] biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tal-31 ta' Jannar 2014, wara li titħassar dik is-sentenza għax jgħid illi s-sentenza (i) applikat il-liġi ħażin, (ii) ingħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba, (iii) tat iżjed minn dak li ntalab u (iv) fiha dispos-izzjonijiet kontra xulxin (art. 811 para. (*e*), (*f*), (*g*) u (*i*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti, safejn huma relevanti għal din is-sentenza tallum, huma dawn: b'sentenza mogħtija fid-19 ta' April 2012 f'kawża fl-ismijiet Etienne Pierre Merlevede *v*. Lara Maria Merlevede *née* Borg St John, il-Qorti tal-Appell ta' Douai fi Franza iddeċidiet hekk dwar kustodja ta' ulied il-partijiet u drittijiet tal-missier għal aċċess:

> »Grants the father a visiting and accommodation right which, save better agreement between the parents, shall be exercised in Malta or in France and shall be regulated as follows:
>
> »- Half the Christmas and summer holidays, the first half on even years and the second half on odd years,
>
> »- All the other school holidays as listed in Malta,
>
> »The father will have to fetch the children and bring them back or to have them fetched and brought back by any trusted third party, and to send the mother, if the holidays are planned in France, the plane tickets at least two months beforehand;
>
> »Says that if the beneficiary of the visiting and accommodation right has not fetched the children on the first day of the holidays, he shall be deemed to have waived the exercise of this right for the whole period under consideration, save agreement to the opposite between the parties.«

3. B'rikors tas-6 ta' Lulju 2012 magħmul taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri ["*Bruxelles II bis*"] quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), id-Direttur tad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali ["id-Direttur"] talab illi dik il-qorti:

> »… … … sabiex, skont kif provdut fl-artikolu 48 tal-istess regolament, tagħmel dawk l-arranġamenti prattiċi għall-organiżazzjoni tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-aċċess mil-

missier Etienne Pierre Merlevede għal uliedu Chloé u Gabriel Merlevede skont kif mogħtija permezz tas-sentenza fuq ċitata u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.«

4. B'sentenza tat-8 ta' Awissu 2013 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet hekk:

»1. Li l-missier ikollu aċċess għaż-żewġ minuri ġewwa Malta jew Franza bil-mod segwenti:

»Fis-sena 2013 l-aħħar nofs tal-vakanzi tal-minuri tal-Milied u tas-sajf. L-aċċess għandu jibda jiġi eżerċitat minn dik il-ġurnata li taħbat preċiżament fin-nofs tal-ammont ta' ġranet tal-vakanzi tal-istess minuri.

»Fis-sena 2014 l-ewwel nofs tal-vakanzi tal-minuri tal-Milied u tas-sajf. L-aċċess għandu jibda jiġi eżerċitat mill-ewwel ġurnata tal-vakanzi sa dik il-ġurnata li taħbat preċiżament fin-nofs tal-ammont ta' ġranet tal-vakanzi tal-istess minuri.

»Għas-snin ta' wara, l-aċċess għandu jkompli jsegwi b'mod li fis-snin żewġ, il-missier ikollu aċċess għall-minuri fl-ewwel nofs tal-vakanzi kif spjegat aktar 'il fuq filwaqt li fis-snin fard, l-istess missier ikollu aċċess għall-minuri fl-aħħar nofs tal-vakanzi.

»Għal finijiet ta' kjarezza, anke in vista tal-fatt li l-istess missier mhux ser ikollu l-opportunità li jara lil uliedu b'mod frekwenti, l-aċċess hekk kif ordnat għandu jkun bl-aktar mod massimu b'dan li l-minuri jqattgħu il-ġranet kollha tal-istess aċċess miegħu u għandhom jirritornaw lura għand l-intimata ommhom malli jiskadi ż-żmien tal-aċċess kif spjegat aktar 'il fuq.

»F'każ li l-missier ikun ser jeżerċita tali dritt ta' aċċess ġewwa Franza, huwa għandu jinforma lill-intimata u jagħtiha l-biljetti tal-arju mill-anqas xahrejn qabel id-data tal-ivjaġġar. Il-biljetti tal-ajru għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata jew permezz tal-*email* f'każ li l-biljetti jkunu elettroniċi. Kopja tal-istess għandhom jintbagħtu lill-Awtorità Ċentrali Franċiża li sussegwentement jibagħtu l-istess korrispondenza lill-Awtorità Ċentrali Maltija.

»Għandu jkun il-missier jew mandatarju tiegħu li jieħdu lill-minuri mir-residenza tagħhom mal-omm fi Franza u jġibuhom lura Malta fl-istess residenza tal-omm. L-intimata hija ordnata li tkun fir-residenza tagħha flimkien mal-minuri fil-ħin u l-jum li l-missier ikun ser jiġi għalihom jew jibgħat għalihom biex jeżerċita l-aċċess tiegħu. Kwalunkwe tentattiv da parti tal-intimata sabiex tipprova twaqqaf jew ixxekkel lill-missier milli jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess għandu jiġi interpretat bħala disprezz lejn l-awtorità ta' din il-qorti u l-qorti tordna li f'dak il-każ għandhom jittieħdu l-passi neċessarji kontra l-istess intimata b'mod awtomatiku;

»Fil-vakanzi l-oħra li jkollhom l-istess minuri hawn Malta, il-missier għandu jkollu aċċess għall-perjodu kollu tal-istess vakanzi b'dan li, jekk ikun ser jeħodhom Franza, għandu jaċċerta ruħu li l-minuri jkunu hawn Malta għall-ewwel ġurnata tal-iskola li jkun imiss;

»2. Tordna li f'każ li l-intimata ma tikkoperax, allura l-minuri għandhom jiġu akkompanjati bl-assistenza tal-pulizija jew tal-marixxalli tal-qorti, skond il-każ;

»3. Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 176/2009 u tordna n-notifika tal-istess revoka lill-awtoritajiet kompetenti inkluż l-Ajruport Internazzjoni ta' Malta u l-portijiet;

»4. Tawtorizza lill-partijiet sabiex kull wieħed u waħda minnhom b'mod unilaterali jkun jista' japplika u jiġbor jew jibgħat rappreżentant tiegħu (bil-miktub) biex jiġbor il-passaporti relattivi għall-minuri Chloé Christine Merlevede u Gabriel Merlevede,

liema passaporti għandhom dejjem ikunu limitati għall-vakanza partikolari li jkunu ser jagħmlu l-istess ulied.

»Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimata.«

5. Il-konvenuta – l-omm – appellat minn din is-sentenza b'rikors tad-9 ta' Awissu 2013 talbet lil din il-qorti:

»... ... ... tħassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Awissu 2003 u fin-nuqqas, kemm-il darba din l-onorabbli qorti jidhrilha li t-talba tal-appellanti hija legalment sostenibbli, l-esponenti titlob bir-rispett sabiex din l-onorabbli qorti jogħġobha tirriforma tali sentenza appellata billi tordna li tali aċċess għaż-żewġ minuri mill-missier għandu jkun f'Malta fi ġranet u ħinijiet li din il-qorti tistabbilixxi jew skont id-digriet viġenti tal-aċċess –digriet tat-8 ta' Frar 2010 – li seta' jarahom kuljum meta jkun Malta mit-3 *pm* sas-6 *pm* ħlief il-Ġimgħa li jibda fl-4 *pm*, u tirrevokaha fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat Direttur .«

6. Bis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2014 ["is-sentenza attakkata"] din il-qorti qatgħet l-appell hekk:

»... ... ... tiddisponi mill-appell interpost mill-intimata Lara Maria Merlevede *née* Borg St John billi tilqa' l-istess biss *in parte*, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti billi tordna li, b'effett mill-2014 sal-2017, inklusivament, l-access ghall-missier ikun kif ipprovdiet l-ewwel qorti iżda jkun ta' ġimgha fil-vaganzi tal-Milied u għoxrin jum fil-vaganzi tas-sajf, b'dan li jekk dan jiġi eżercitat fi Franza japplikaw dak li pprovdiet din il-qorti fil-paragrafi 23 sa 26 ta' din is-sentenza; jekk l-aċċess isir Malta ... ... ... ma għandu jinħareġ minn ebda awtorità passaport għall-minuri għaż-żmien relativ. Għas-snin 2018 'l quddiem, l-aċċess għall-missier ikun kif ipprovdiet l-ewwel qorti, b'żjieda ta' dak li ipprovdiet din il-qorti fil-paragrafu 23 ta' din is-sentenza. Il-qorti tordna l-koperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti biex dan l-arranġament iseħħ.

»L-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk in prim'istanza, jitħallsu bin-nofs bejn l-appellanti Lara Maria Merlevede *née* Borg St John u l-appellat Direttur tad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali.«

7. Il-paragrafi 23 sa 26 tas-sentenza attakkata, li jissemmew fid-deċiżjoni, igħidu hekk:

»23. Fil-kuntest tal-meritu nnifsu tal-każ, tara li l-ewwel qorti ipprovdiet arranġamenti prattiċi sabiex tiġi esegwita s-sentenza Franċiża u ma jiġux ippreġudikati l-interessi tal-omm, speċjalment meta ordnat li l-passaporti tal-minuri għandhom dejjem ikunu limitati għall-vaganza partikolari li jkunu ser jagħmlu l-istess ulied. Din il-qorti hija mħassba dwar il-possibbiltà li t-tfal ma jiġux ritornati lill-omm wara vaganza fi Franza, ħaġa li hi possibbli *nonostante* l-limitazzjonijiet li għandhom jiġu riportati fuq il-passaport tal-minuri. F'każ li jiġri hekk, l-omm tkun trid tieħu passi fi Franza, bi spejjeż kbar, biex tassigura r-ritorn tal-minuri ġewwa Malta. Trid allura li, b'żjieda ma' dak li pprovdiet l-ewwel qorti, ma' kull dritt ta' aċċess li l-missier ikun irid jeżerċita fi Franza, dan jew ir-rappreżentant tiegħu, irid qabel xejn jiddepożita taht l-awtorità tal-qorti f'malta s-somma ta' €10,000, ritirabbli mill-istess missier f'każ li t-tfal jiġu lura Malta kif skedat, u ritirabbli mill-omm f'każ li t-tfal jonqsu li jiġu ritornati skont kif skedat; din il-proċedura għandha tigi segwita għal kull vaganza fi Franza. Dan mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' tieħu l-omm biex

tara li l-minuri jiġu effettivament ritornati Malta. F'każ li l-aċċess ikun sejjer isir Malta, għall-perjodu relattiv ma għandu jinħareġ minn ebda awtorità passaport għall-minuri.

»24. Din il-qorti, filwaqt illi tara li 'l fuq premess hija soluzzjoni prattika, trid li għall-ewwel erba' snin tal-aċċess, jekk l-aċċess isir fi Franza, il-missier għandu jipprovdi biex l-omm ukoll takkumpanja lill-minuri, u l-missier għandu jħallas għall-vjaġġ bl-ajru tal-omm (u tat-tfal) minn u lejn Malta u għall-akkommodazzjoni tal-omm *bed and breakfast* f'lukanda ta' almenu tliet stilel viċin ir-residenza tiegħu. Hu għandu jipprovdi wkoll li l-aċċess tiegħu mat-tfal ikun taħt superviżjoni ta' *social worker* kwalifikat u li trid tkun persuna li tista' wkoll tikkomunika bl-ingliż, sabiex it-tfal jiġu indokrati bil-mod il-mod għal relazzjoni ma' missierhom. Din il-qorti trid u hekk qed tordna, taħt is-sanzjoni ta' disprezz li, minn issa sal-ewwel vaganzi tas-sajf ta' din is-sena, l-omm tippermetti lil missier it-tfal ikellem lil uliedu permezz ta' *skype*, u dan għal darbtejn fil-ġimgħa għal għoxrin minuta kull darba. Din il-forma ta' kommunikazzjoni trid issir indipendentement minn kull kwistjoni oħra (bħal ħlas ta' manteniment) u trid tinżamm f'ħin predeterminat komdu għall-missier u għat-tfal.

»25. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt li l-missier ilu erba' (4) snin ma jara lil uliedu (li llum għandhom sitt (6) snin) u dawn ma jafuhx, u inkontri ma' missierhom "ġdid" ta' tfal ta' din l-età hekk tenera żgur li tkun *disruptive* għalihom u forsi anke trawmatika, u għalhekk hemm bżonn li l-omm tkun magħhom, biex isservi ta' wens, u jkun hemm l-assistenza u gwida ta' *social worker*.

»26. Din il-qorti kienet tixtieq li din l-introduzzjoni u tħejjija ssir hawn Malta, però l-missier jgħid li jekk jiġi Malta jiffaċċja żmien il-ħabs minħabba li naqas li jħallas lil martu manteniment kif ordnat mill-qorti. Din hi sitwazzjoni li ġabha b'idejh meta naqas li jirrispetta l-awtorità tal-qorti. Fl-interess tat-tfal, però, din il-qorti ma tistax iċċaħħadhom aktar milli jkollhom kuntatt ma' missierhom. Għalhekk, jekk il-missier verament irid l-aħjar għal uliedu, u ma jridx jinżel Malta biex jarahom, irid iħallas għat-traġitt tat-tfal u ommhom u għall-akkommodazzjoni tagħhom kif fuq indikat. Tordna wkoll illi, għal dawn l-erba' snin, jekk l-aċċess se jinżamm Franza, ikunu applikabbli wkoll il-provvedimenti aktar qabel imsemmija dwar il-ħrug ta' passaporti u depożitu, u f'kull każ li l-aċċess ikun ta' ġimgħa għall-vaganzi tal-Milied, u ta' għoxrin jum għall-vaganzi tas-sajf. Wara dawn l-erba' snin, jiġifieri meta t-tfal ikollhom għaxar snin, u wieħed jispera jkunu draw lil missierhom, l-aċċess isir kif ordnat l-ewwel qorti, salv dak li ngħad aktar qabel dwar il-passaporti u d-depożitu. Il-qorti tinvita lill-omm tagħmel l-almu tagħha biex tassigura li t-tfal ikollhom relazzjoni tajba ma' missierhom.«

8. B'rikors tas-7 ta' Frar 2014 taħt l-art. 825 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-konvenuta Lara Maria Merlevede talbet, bħala "kjarifika" tas-sentenza attakkata, illi l-qorti tordna illi:

»(a) l-omm *cioè* r-rikorrenti tkun dejjem fil-preżenza tat-tfal anke waqt l-aċċess; u

»(b) li anke s-*social worker* tkun dejjem fil-preżenza tat-tfal waqt l-aċċess; u

»(ċ) li tali preżenza tal-omm u tas-*social worker* tkun minn meta jmur għalihom fil-lukanda sakemm iwassalhom lura fil-lukanda; u

»(d) tali aċċess ikun f'post pubbliku u mhux f'residenza privata jew bini privat; u

»(e) il-ħinijiet tal-aċċess ikunu kif stabiliti mill-qorti ta' Malta mit-3 *pm* sas-6 *pm* jew ħinijiet oħra li din l-qorti jogħġobha tistabilixxi tenut kont l-età tenera tat-tfal u l-kondizzjoni medika tat-tifel Gabriel;

»(f) li t-tfal joqogħdu mal-omm fil-lukanda provduta mill-missier;

»(g) li tali aċċess ma jibdiex qabel ma d-Direttur tad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali ma jippreżentax prova dokumentarja quddiem din l-ċorti li turi li l-awtoritajiet franċiżi rrikonoxxew bil-miktub is-sentenza tal-qorti maltija *cioè* s-sentenza *de quo* bħala waħda *res judicata*.«

9. B’dikriet tal-4 ta’ Marzu 2014 il-qorti ipprovdiet hekk dwar dan ir-rikors:

»Tirrileva li wara li tingħata sentenza mhux konċess li jsiru bidliet ħlief kif u safejn tippermetti l-liġi. F’dan il-każ, però, tista’ tgħid li dak li qed titlob ir-rikorrenti Lara Maria Merlevede fil-paragrafi (a),(b),(c),(e) u (f) huma konsegwenza naturali ta’ dak li ġie deċiż fis-sentenza, u dan dejjem għall-każ ta’ aċċess li jsir Franza u għall-ewwel erba’ snin mid-data tas-sentenza, u għalhekk tista’ taċċetta l-istess u hekk qiegħda tagħmel. Dwar fejn jinżamm l-aċċess hu mħolli għad-deċiżjoni u savju diskrezzjoni tas-*social worker*, f’każ ta’ nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet. Dwar dak mitlub fil-paragrafu (g) tapplika l-liġi u f’kull każ il-kwistjoni ma kinetx meritu fil-kawża u din il-qorti, għalhekk, ma tistax tipprovdi fir-rigward.

»Tipprovdi għalhekk fuq ir-rikors tas-7 ta' Frar 2014 konformement kif fuq jingħad.«

10. B’rikors tat-22 ta’April 2014 id-Direttur talab li din il-qorti tisma’ l-appell mill-ġdid wara li tħassar is-sentenza attakkata għar-raġunijiet imsemmija fl-art. 811 para. (*e*), (*f*), (*g*) u (*i*) rispettivament tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-konvenuta wieġbet fl-10 ta’ Novembru 2014 u fissret għala, fil-fehma tagħha, it-talba tad-Direttur għandha tiġi miċħuda.

11. L-ewwel raġuni mressqa mid-Direttur hija dik taħt il-para (*f*): illi s-sentenza ngħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba. Id-Direttur kompla fisser din ir-raġuni hekk:

»... ... ... filwaqt li d-direttur esponent talab sabiex l-onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tipprovdi, skont l-artikolu 48 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dawk l-arranġamenti prattiċi għall-organizazzjoni tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-aċċess mill-missier Etienne Pierre Merlevede għal uliedu Chloé u Gabriel Merlevede skont kif mogħtija permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell f’Douai, Franza, datata 19 ta’ April 2012, l-onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet tassumi rwol ta’ qorti ta’ reviżjoni tal-Qorti tal-Appell ta’ Douai, Franza, meta ma kellhiex setgħa tagħmel dan, u biddlet id-drittijiet tal-aċċess li din is-sentenza franċiża ordnat għall-missier u flok nofs il-vakanzi tas-sajf u tal-Milied kif ukoll il-vakanzi tal-iskola kif elenkati f’Malta ddeċidiet li b’effett mill-2014 sal-2017, inklusivament, l-aċċess għall-missier ikun ta’ ġimgħa fil-vaganzi tal-Milied u għoxrin jum fil-vaganzi tas-sajf, b’dan li jekk jiġi eżerċitat fi Franza, imponiet ukoll is-segwenti kundizzjonijiet: ... ... ...

»... ... ... din l-onorabbli Qorti b'din is-sentenza marret kontra l-obbligu tagħha li tenforza awtomatikament is-sentenza mogħtija mill-onorabbli Qorti tal-Appell f’Douai, Franza, fid-19 ta’ April 2012 liema sentenza tissodisfa r-rekwiżiti stipulati taħt l-artikolu 41 tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 u allura m’għandha bżonn l-ebda intervent ġudizzjarju minn ebda qorti ħlief sabiex jingħataw arranġamenti prattiċi għall-organizzazzjoni tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-aċċess kif definiti f’din is-sentenza franċiża *ai termini* tal-artikolu 48 tal-istess regolament;

»Illi difatti t-talba tal-esponent ... permezz tar-rikors ġenerali saret unikament għal dan il-għan u ċertament mhux biex din l-onorabbli qorti tbiddel iż-żmien u timponi [*sc.* kondizzjonijet] fuq id-drittijiet tal-aċċess mogħtija mill-onorabbli Qorti tal-Appell ta' Douai, Franza;

»Illi tassew minflok ma qagħdet fil-limiti tat-talba mressqa mill-esponent ... fir-rikors ġenerali ippreżentat minnu, din l-onorabbli qorti fl-għoti tas-sentenza qagħdet tidħol fi tħassib "dwar il-possibilità li t-tfal ma jiġux ritornati lill-omm wara vaganza fi Franza" u bniet id-deċiżjoni tagħha fuq din il-konsiderazzjoni liema konsiderazzjoni hija estraneja għall-oġġett tal-ġudizzju u lanqas ma tittratta kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-qorti kienet obbligata tirrileva *ex officio*;

»Illi fid-dawl ta' dak fuq premess joħroġ ċar li s-sentenza mogħtija minn din l-onorabbli qorti ma hijiex konformi mad-domanda mressqa lilha iżda mibnija fuq kawżali diversa min dik proposta mill-esponent ... fir-rikors ġenerali li ppreżenta quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Għaldaqstant l-esponent ... jissottometti li hemm lok għal tħassir tas-sentenza mogħtija minn din l-onorabbli qorti fil-31 ta' Jannar 2014 u għar-ritrattazzjoni tal-appell imsemmi a tenur tal-artikolu 811 (*f*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.«

12. Id-Direttur qal ukoll illi s-sentenza attakkata tat iżjed minn dak li ntalab, u għalhekk għandha titħassar ukoll taħt il-para. (*g*) għax il-qorti:

»... ... ...ippronunzjat ruħha oltre l-limiti tal-pretensjonijiet imressqa billi minflok ma llimitat ruħha biex tipprovdi fuq l-arranġamenti prattiċi għall-organizazzjoni tal-eżercitar tad-drittijiet tal-aċċess mill-missier mogħtija permezz tas-sentenza franċiża skont kif mitlub fir-rikors promotur ... daħlet fi tħassib li jistgħu t-tfal ma jiġux ritornati lill-omm u fuq dan it-tħassib immodifikat u imponiet kondizzjonijiet li fis-sentenza franċiża ma jeżistux.«

13. Il-konvenuta wieġbet hekk:

»Illi dak li intalab mill-ewwel onorabbli qorti kien li tagħmel dawk l-arranġamenti prattiċi għall-organizazzjoni tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-aċċess minn Etienne Merlevede għal uliedu *ai termini* tal-artikolu 48 tar-Regolament 2201/2003. L-ewwel onorabbli qorti għamlet proprju dan.

»Illi l-esponenti talbet lil din l-onorabbli qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti għar-raġunijiet premessi fir-rikors tal-appell u fin-nuqqas tirriforma tali sentenza.

»Illi effettivament dak li għamlet din l-onorabbli qorti kien li irriformat l-arranġamenti prattiċi għall-eżerċitar tal-aċċess li kienu ġew stipulati mill-ewwel onorabbli qorti – xejn qktar u xejn inqas.

»Illi għalhekk is-sentenza tinkwadra perfettament fil-limiti tal-pretensjonijiet imressqa mill-partijiet u ma tittratta l-ebda materja estraneja.«

14. L-art. 48.1 tar-Regolament *Bruxelles II bis* li taħtu saret it-talba jgħid hekk:

»*Artikolu 48*

»L-Arranġamenti prattiċi għall-eżerċitar tad-drittijiet tal-aċċess

»1. Il-qrati tal-Istati Membri tal-infurzar jistgħu jagħmlu arranġammenti prattiċi għall-organizzazzjoni ta l-eżerċitar tad-drittijiet tal-aċċess, jekk l-arranġamenti neċessarji m'humiex jew ma sarux b'mod suffiċjenti fis-sentenza maqtugħa mill-qrati tal-Istat

> Membru li għandu l-ġurisdizzjoni dwar is-sustanza tal-kwistjoni u dement li l-elementi essenzjali ta' din is-sentenza jiġu rispettati.«

15. Dak li talab id-Direttur huwa appuntu illi jsiru "arranġamenti prattiċi għall-organizzazzjoni tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-aċċess", u ma setax jitlob aktar minn hekk għax għall-bqija s-sentenza franċiża kienet *res iudicata*. Fil-fehma ta' din il-qorti, iżda, dak li ngħata fis-sentenza attakkata huwa barra minn dak li ntalab, għax flok ma irregolat biss l-"arranġamenti prattiċi" il-qorti fis-sentenza attakkata daħħlet ukoll kondizzjonijiet ġodda illi bihom id-dritt ta' aċċess jista' jiġi severament imxekkel jekk mhux ukoll miġjub fix-xejn u b'hekk effettivament bidlet id-dritt ta' aċċess mogħti fis-sentenza franċiża. Dan mhux biss ma kienx fit-talba tad-Direttur iżda huwa wkoll f'konflitt mas-sentenza franċiża li għandha l-qawwa ta' *res iudicata*.

16. Il-qorti għalhekk tilqa' t-talba tad-Direttur biex tħassar is-sentenza attakkata safejn din irriformat is-sentenza tal-ewwel qorti.

17. Billi dan huwa biżżejjed biex tintlaqa' t-talba tad-Direttur *in rescindendo*, ma huwiex meħtieġ illi din il-qorti tqis ukoll ir-raġunijiet l-oħra mressqa mid-Direttur għat-tħassir tas-sentenza attakkata.

18. Il-qorti għalhekk tipprovdi billi tħassar is-sentenza attakkata fil-parti fejn irriformat is-sentenza appellata tal-ewwel qorti, b'dan illi tħalliha fis-seħħ fil-bqija, u tordna illi l-appell jinstema' mill-ġdid relativament biss għall-parti li tħassret tas-senteza attakkata.

19. L-ispejjeż tal-proċeduri *in rescindendo* tħallashom il-konvenuta Lara Maria Merlevede; dwar l-ispejjeż l-oħra jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------